

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1414 tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' ghajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex-2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III (notifikata bid-dokument C(2020) 8550) (ĠU 2022, L 217, p. 49), ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi li, essenzjalment, huma identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-718/22, Eutelsat Madeira vs Il-Kummissjoni.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2022 – Odeon Cinemas Holdings vs EUIPO – Academy of Motion Picture Arts and Sciences (OSCAR)**(Kawża T-727/22)**

(2023/C 24/87)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Odeon Cinemas Holdings (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: L. Axel Karnøe Søndergaard, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Academy of Motion Picture Arts and Sciences (Beverly Hills, California, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea OSCAR – Trade mark tal-Unjoni Nru 2 931 038

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Settembru 2022 fil-Każ R 1841/2021-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2022 – Industrias Lácteas Asturianas vs EUIPO – Qingdao United Dairy (NAMLAC)**(Kawża T-728/22)**

(2023/C 24/88)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Industrias Lácteas Asturianas, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: J. C. Riera Blanco, avukat)